MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 271/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cachia**
**vs**
**Anton Agius**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anton Agius ta’ 28 sena, bin Anthony u Emanuela nee’ Caruana, imwieled Pieta’ nhar l-24 t’ April 1980 u residenti 17, Triq Vassalli, Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 213980(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

A. Nhar it-30 ta’ Novembru 2007 ghall-habta tas-1:30pm gewwa l-fond numru 32, Nativity, Triq Ebona, Zebbug, Malta, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe attentat ta’ serq aggravat bil-mezz, ghad-detriment tas-sidien tal-fond

in kwistjoni, is-sinjura Philomena u zewgha Joseph Fsadni, u billi wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu ;

B. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dahal f' dar jew lok iehor jew f' recint b' wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor,

C. Waqt perjodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fuq akkuzi li kienu jappartjenu s-serq, ikkommetta reat iehor.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tapplika il-provedimenti ta' l-artikoli 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Marzu 2009 (esebit *a folio* 24 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegat attentat ta' serq u d-dhul b'abbuz f'dar ta' terzi li sehh fit-30 ta' Novembru 2007 ghall-habta tas-1.30pm minn gewwa l-fond 32, Nativity, Triq Ebona, Zebbug, Malta. Mill-provi rrizulta li fit-3 ta' Dicembru 2007 Philomena Fsadni irrapurtat lil Puizija li fl-imsemmija data hija kienet gewwa d-dar taghha wahidha meta semghat xi hsejjes u l-kelb taghha beda' jindikalha sabiex tmur hdejn it-tieqa li hemm ma genb il-bieb ta' barra tad-dar taghha liema tieqa taghti

ghal barra u meta hija ghamlet hekk rat lill-imputat li kienet tafu ghaliex kien joqghod vicin taghha diehel minn gewwa t-tieqa b'saqajh wahda diga' gewwa. Meta huwa raha harab jigri. Philomena Fsadni li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta Jannar 2010 ikkonfermat dak li kienet qalet fir-rapport u ziedet tghid li meta rat lill-imputat huwa kien diga' ressaq xi affarijiet li kellha f'hogor it-tieqa mal-genb tal-istess tieqa u kien siequ wahda gewwa d-dar. Hija qalet ukoll li peress li kienet taf lill-imputat marret tkellem lil zitu sabiex din twissih ma jergghax jipprova jidhol fid-dar taghha izda l-imputat mar isibha barra d-dar taghha u agrediha.

L-imputat meta gie mitkellem mill-Pulizija fejn irrilaxxja stqarrija liema stqarrija tinsab inserita a fol. 39 u 40 tal-atti processwali qal li fid-data li qed tallega Philomena Fsadni li huwa ttenta jidhol gewwa darha huwa kellu l-vettura tieghu parkeggjata quddiem id-dar taghha u meta huwa mar sabiex jidhol fil-vettura hareg il-kelb taghha ghalih. Huwa inoltre qal li madwar tlett snin u nofs qabel huwa kellu ncident ma Fsadni fejn kien qieghed il-kazin u hass il-mobile li kellu fil-but qed jinhareg il-barra u mbaghad ra lil Fsadni titlaq tigri u dakinhar huwa kellu xi jghid ma binha. Huwa qal li jiddispjacih li ma ghamilx rapport dwar dan l-incident lil Pulizija.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti li kellha l-opportunita' li tisma' lil Philomena Fsadni tixhed viva voce m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilta' ta' din ix-xhud u cioe' li fit-30 ta Movembru 2007 ghall-habta tas-1.30pm hija rat lill-imputat qed jipprova jidhol gewwa darha billi tela' mat-tieqa, caqlaq xi affarijiet lli kien hemm f'hogor it-tieqa sabex ikun jista' jidhol u kien diga' beda diehel gewwa u kien biss l-intervent taghha li waqfu milli jkompli diehel. L-imputat ma ta ebda spjegazzjoni jew raguni il-ghala huwa kellu jinstab qed jipprova jidhol gewwa dar Fsadni mit-tieqa u l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-agir tal-imputat jammonta ghal attentat ta' serq aggravat bil-mezz liema serq ma sehhx minhabba xi haga ndipendenti mill-volonta' tal-imputat.

Huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Huwa evidenti li t-tieni imputazzjoni u cioe' dik ta' dhul b'abbuz fi propjeta' ta' terzi u cioe ir-reat kontemplat fl-artikolu 330 tal-Kodici Kriminali inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. F'dawn il-proceduri giet esebita kopja ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti kfi diversament presjeduta fil-31 ta' Ottubru 2007[1] fejn l-imputat gie kkundannat tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2). Irid jigi rilevat li fil-proceduri odjerni ma xehedx l-Ufficjal Prosekutur f'dawk il-proceduri sabiex jikkonferma l-identita' tal-imputat izda fl-imsemmija sentenza hemm indikati l-konnotati kollha tal-imputat liema konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-imsemmija sentenza inghatat fil-konfronti tal-imputat fil-kawza odjerna. Stante li r-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat fil-kawza odjerna gie kommess fit-30 ta' Novembru 2007 dan gie kommess fil-perijodu operattiv tas-sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru 2007. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f'hafna okkazzjonijiet u jidher li m'gharafx juzufruwixxi mill-varji opportunitajiet li inghata sabiex jirriforma ruhu u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja.

[1] Inserita a fol. 53 sa 56.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31,41, 261, 263, 264, 265, 278 u 28A sa H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna ulterjorment li l-piena ta' prigunerija ta tmien (8) xhur sospizi ghal sentejn (2) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi fil-31 ta' Otttubru 2007 tigi reza operattiva sabiex b'hekk l-imputat ghandu jaghmel perijodu globali ta' tlettax(13)-il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------